

Il-Hamism, 11 ta' Frar 2010

L-Irkupru Internazzjonali ta' Manteniment għat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-Familja *

P7_TA(2010)0027

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni dwar l-Irkupru Internazzjonali ta' Manteniment għat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-Familja (COM(2009)0373 – C7-0156/2009 – 2009/0100(NLE))

(2010/C 341 E/23)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2009)0373),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 61(c) u 300(2), l-ewwel subparagrafu tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0156/2009),
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament ewropew u lill-Kunsill bit-titlu "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għadejjin bħalissa" (COM(2009)0665),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 81(3) u 218(6)(b) tat-trattat dwar il-Funzjonament tal-UE,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0005/2010),
1. Japprova l-konklużjoni tal-Konvenzjoni;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali – Progress *I**

P7_TA(2010)0028

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali – Progress (COM(2009)0340 – C7-0052/2009 – 2009/0091(COD))

(2010/C 341 E/24)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0340),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 129 u l-Artikolu 137(2)(a) tat-Trattat tal-KE, li skont dawn il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0052/2009),